# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2288/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Zahra**

Illum il-ħamsa (5) ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **James Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 46879(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' 16.00hrs fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Trejqet Francesco Chircop, Kalkara u/jew fil-viċinanzi:

1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, partikolarment Anthony Barbara u Alicia Barbara u/jew xhieda oħra li kienu se jixhdu fil-kawża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd) u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u, *ai termini* ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar u sempliċi, kemm ir-responsabilita' tiegħu u kif ukoll x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' sena.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr. Nadia H Vella tad-29 ta' Mejju 2024 billi tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-akkuża kif miġjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skont il-liġi, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-17 ta' Lulju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Mejju 2024.

Illi dan il-każ jirrigwarda diverbju bejn il-ġirien fejn il-parti leża Anthony Barbara kien ser joħroġ dgħajsa mill-garaxx u minkejja li l-appellant ma kienx ipparkjat fuq id-*double yellow line*, huwa (Barbara) xorta ma setax joħroġ id-dgħajsa minn hemm. Minkejja li t-tifla ta' Barbara marret tħabbat fuq il-bieb tad-dar fejn joqgħod l-appellant, baqa' ma wieġeb ħadd. F'dan il-mument mar direttament Anthony Barbara iżda reġa' ma wieġeb ħadd. Għalhekk Barbara talab l-intervent tal-Pulizija. Ftit wara, l-appellant ħareġ mid-dar u allegatament beda jargumenta ma' Barbara iżda wara ċaqlaq il-vettura xi ftit. Jidher li waqt l-argumentazzjoni hekk kif l-appellant kien reġa' dieħel ġewwa, huwa qal xi kliem baxx u saħansitra b'mod dispreġġjativ qabad il-parti tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

> kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> mressaq mill-appellant huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti *ex admissis* straħet prinċiparjament fuq il-filmat li hemm fl-atti proċesswali u dana minkejja li ma hemmx dettall dwar min ġabar dan il-filmat. Jisħaq li dan il-filmat ma għandux jintuża bħala prova.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li hija qrat bir-reqqa l-atti proċesswali kollha minn liema jirriżulta li l-appellant għandu raġun li ma tirriżultax il-katina tal-provi neċessarja sabiex hija (din il-Qorti) tkun tista' isserraħ fuq il-filmat. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-

[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Mc Kay** (Numru 1/2022) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita' probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-*chain of custody* huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita', u kontinwita' tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta' kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.
>
> 33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfat qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu jkunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża bħala evidenza fil-Qorti.
>
> [...]
>
> 37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid-

deċiżjoni **People v. Connelly**[3] fejn intqal is-segwenti b'referenza għar-regola tac-'chain of custody':

> "When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that **all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition**.""

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ b'dan illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti mhux ser tqis il-filmat in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jibda billi jagħmel riferenza għas-sentenza appellata fejn tirreferi għall-fatt li hu qabad il-parti tiegħu. Jispjega li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet selettiva f'dak li qieset u jirreferi għal fatt li meta kien fuq il-pedana tax-xhieda ndika li huwa għandu ftuq. Jgħid li huwa kien qed iħokk ħdejn il-*groin.*

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-appellant, mill-parti leża u minn bint il-parti leża u qabblet dak li qalet bint il-parti leża fix-xiehda mogħtija minnha fit-12 ta' April 2024 (*a fol.* 36 *et seq.*) ma' dak li huwa rappurtat li qalet lill-Pulizija fid-9 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 19). Meta jiġu mqabbla dawn iż-żewġ verżjonijiet, din il-Qorti tara ċertu konsistenza f'dak li qalet it-tifla b'dana illi din il-Qorti ser temminha. Huwa minnu dak li qalet l-Ewwel Qorti rigward ċertu kliem li ntużaw quddiemha iżda huwa minnu wkoll li l-verżjoni tagħha rigward l-aġir tal-appellant tidher konsistenti u veritjera. Tabilħaqq xhud wieħed jekk emmnut

[3] "35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974."

huwa biżżejjed sabiex tinstab ħtija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija."

Illi tajjeb jiġi mfakkar li Qorti tista' tkun selettiva f'dak li temmen mill-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda li jitressqu quddiemha. Minbarra dan kif inhu ormai stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana mhux kull kunflitt fil-provi għandu jmur a favur tal-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clive Caruana** (Numru 360/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. […] L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat li mhux konflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja u għamlet referenza għall-ġurisprudenza in rigward. Iżżid din il-Qorti tosserva illi kif kostantament ritenut l-ewwel Qorti kienet korretta in rigward. Għaliex "*mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużat. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għall-konklużjoni dwar lil*

> *min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"* (ara **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne** App Krim 9.07.2003 u **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino et** Qrt Krimi. 19.10.2006). Inoltre kif ritenut mill-ġurisprudenza abbraċjata minn din il-Qorti, min ser jiġġudika jista' jemmen lix-xhud f'kollox jew f'parti u jekk ma jemminx lix-xhud f'parti mix-xiehda tiegħu ma jfissirx li ma jistax ikun emmnut f'parti oħra. Issa, l-ewwel Qorti, kienet fil-piena liberta' li tagħmel dan l-eżerċizzju u minkejja li sabet inkonsistenzi fil-fatti kif rakkontati mill-*parte civile*, xorta waħda emmnitha fil-parti li biha nkriminat lill-imputat."

Illi applikat dak li ġie ċċitat hawn fuq għal każ odjern, din il-Qorti, wara li rat il-konsistenza fil-verżjoni mogħtija minn bint il-parti leża, hija tal-fehma l-aggravju in eżami ma għandux ikun milqugħ u b'hekk qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jargumenta li huwa ma kienx f'post pubbliku stante li kien fil-proprjeta' tiegħu. Jisħaq li in vista ta' dan lanqas jista' jingħad li kien f'post espost għall-pubbliku. Jispjega li fil-mument indikat huwa kien f'taraġ li huwa magħluq bil-ġebel. Jispjega wkoll li bil-liġi t-taraġ għandu jkun għoli biżżejjed sabiex wieħed ma jaqax għalhekk il-fuq mill-qgħadt ta' persuna. Jgħid li tenut kont ta' dan jekk wieħed jara l-għoli taċ-ċint u l-għoli tat-taraġ ma jistax ikun hemm *line of sight*.

Illi din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi għal dak li ngħad taħt l-aggravju preċedenti u tapplikah *mutatis mutandis* fir-rigward tal-aggravju in eżami b'dana illi kieku l-appellant ma kienx fil-viżwali kemm tal-parti leża kif ukoll ta' bintu, dawn ma kienux sejrin jarawh imiss il-parti ta' ġismu. Rigward il-kliem li l-appellant allura imputat ġie akkużat li lissen, dak ma għandux għalfejn ikun fil-mikxuf għax kif inhu magħruf il-vuċi tivjaġġa permezz tal-arja.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi anke l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li hu kellu intenzjoni jagħmel ġest kontra l-liġi. Jilmenta li l-Ewwel Qorti poġġiet f'keffa waħda l-ġesti li jsiru ġo *ground* tal-*football* fejn dawn ikunu flagranti ma' att li ma kienx goff. Ikompli li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li l-appellant kien qiegħed ġewwa daru għal kwiet u li l-akkadut tnissel mill-parti leża.

Illi rigward l-intenzjoni tal-appellant, din il-Qorti tibda billi tirrimarka li l-aġir tiegħu mhuwiex aċċettabbli f'soċjeta' ċivili fejn jeħtieġ li dejjem tinżamm kondotta aktar adegwata, iżda aktar u aktar meta kien hemm it-tifla tal-parti leża preżenti, li hija minuri. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li l-appellant seta' jobsor li l-aġir tiegħu ma kienx tajjeb u kien espost għal post pubbliku għalhekk l-*mens rea* tiegħu hija ekwivalenti għal *culpa*. Fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Profs. Mamo jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa*. B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

> "This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective."

Illi dan il-ħsieb ġie wkoll suffragat minn dak li jgħid **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu Corso fi Diritto Criminale – Programma – Parte Generale (4th. Edition) fejn qal hekk:

> "Meglio sembra poter servire a graduare la colpa la distinzione fra chi nulla affatto pensò al tristo evento (lo che i Romani dissero *culpa ex ignorantia*) e chi vi portò il pensiero, ma previde che *non sarebbe avvenuto* (lo che i Romani dissero *culpa ex lascivia*). Un giovine sta per esplodere contro una fiera; il suo compagno lo avverte che ad una distanza vi è un uomo: ti par egli (risponde il primo) è impossibile che il piombo arrivi laggiù mai; ed esplode, ed il piombo giunge a ferire. Costui non è in *dolo*, perchè ha *preveduto* come cosa certa di *non ferire*: ma la sua colpa è più grave che non sarebbe quella di chi niente avesse veduto quell'uomo. Queste regole si sentono in pratica, ma difficilmente si riducono a formule assolute di dottrina."

Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi anke l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti mxiet b'mod li kull dubju jmur a favur tal-Prosekuzzjoni u mhux a favur tiegħu kif titlob il-ġurisprudenza. Jilmenta dwar meta l-iSpettur staqsieh jekk hux normali li jħokk il-parti ta' ġismu fejn huwa wieġeb li għandu kundizzjoni medika. Rigward ix-xiehda tat-tifla tal-parti leża, huwa (l-appellant) jipponta għal indikazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti li din kienet *rehearsed*. Jilmenta kif jista' jkun li l-Ewwel Qorti f'punt tgħid li din ix-xiehda hija *rehearsed* mentri f'punt ieħor tgħid li ma għandha l-ebda dubju li l-minuri semgħet il-kliem li qalet li semgħet.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar l-aggravju in eżami għajr dak li diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza li xhud jista' jiġi emmnut f'parti mix-xiehda tiegħu filwaqt li tiġi skartata parti oħra mix-xiehda tiegħu. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ser tirreferi għal dak li qalet taħt l-aggravji preċedenti u

tapplikah *mutatis mutandis* għal dan l-aggravju. B'konsegwenza ta' hekk anke l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-appellant ma ressaqx aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu, huwa jitlob li tiġi imposta fuqu piena aktar ekwa u ġusta u dana f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tiegħu.

Illi din il-Qorti qieset li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant allura imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mis-sentenza appellata. Din il-Qorti ma tarax li għandu jkun hemm lok ta' temperament fil-piena appena msemmija u dana wara li jittieħed in konsiderazzjoni n-natura ta' tali piena meta mqabbel ma' dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih u li tiegħu huwa nstab ħati mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija qed jiġi konfermat minn din il-Qorti. Meħud dan in konsiderazzjoni, din il-Qorti ma tqiesx li l-appellant kellu jingħata żmien aqsar ta' liberta' kondizzjonata jew addirittura wieħed ta' mingħajr ebda kundizzjoni. Għalhekk it-talba dwar il-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant James Zahra fir-Rikors tal-appell tiegħu, tiċħad l-aggravji l-oħra kollha tiegħu u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dik il-parti li tikkonċerna l-ewwel aggravju u tispeċifika illi ż-żmien ta' sena ta' libertà kondizzjonata msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**